# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 335/2013MH**

**Illum, 18 t' Ottubru, 2017**

**Sant Brothers Commercials Limited (C 11729)**

**vs**

**Emanuel Balzan (KI 27853M)**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' rikorrenti Sant Brothers Commercials Limited (C11729) li gie prezentat fid-9 ta' April 2013 u li permezz tieghu esponew:

*"1. Illi fl-4 ta' Gunju 2012, waqt li Francis Calleja kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAG 813, proprjeta' tas-socjeta' esponenti Sant Brothers Commercials Limited, fi Triq l-Imqabba, Siggiewi, huwa safa' milqut*

*mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBU 182, li kienet misjuqa mill-intimat Emanuel Balzan (Dok A);*

*2. Illi konsegwentement ghal dan l-incident, is-socjeta' esponenti garrbet danni fl-ammont globali ta' sbatax-il elf mitejn tlieta u sebghin ewro disgha u tmenin centezmu (€17,273.89) [Dok. B sa Dok. I];*

*3. Illi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament l-intimat Emanuel Balzan minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti bi ksur tal-Artikoli 1031 u 1032 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*4. Illi minkejja li l-intimat kif ukoll l-assikurazzjoni tieghu Fogg Insurance Agencies Limited bhala agent tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited kienu interpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni tas-socjeta' esponenti permezz ta' ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru 2012, huma baqghu inadempjenti;*

*Ghalhekk kellha ssir din il-kawza fejn is-socjeta' rikorrenti qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet kollha premessi, sabiex:*

1. *Tiddikjara lill-intimat Emanuel Balzan unikament responsabbli ghall-incident fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbet is-socjeta' rikorrenti'*
2. *Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' sbatax-il elf mitejn tlieta u sebghin ewro disgha u tmenin centezmu [€17,273.89], occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-intimat Emanuel Balzan ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' sbatax-il elf mitejn tlieta u sebghin ewro disgha u tmenin centezmu [€17,273.89]hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru 2012 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata llum kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-intimat skond il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali b' effett mis-6 ta' Dicembru 2012 kontra l-istess intimat, li huwa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat **ir-risposta** tal-intimat Emanuel Balzan prezentata fl-14 ta' Gunju 2013 u li permezz taghha espona:

*"1. Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi tirrigwarda incident awtomobilistiku illi sehh fid-dlam nhar l-4 ta' Gunju 2012 gewwa s-Siggiewi, u illi kien jinvolvi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBU 182 misjuqa mill-eccipjenti, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAG 813 di proprjeta' tas-socjeta' attrici;*

*2. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi assolutament mhux minnu illi l-eccipjenti kien b' xi mod jahti ghall-incident de quo, u dank if jista' jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;*

*3. Illi inoltre, minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, is-socjeta' attrici ghandha ggib l-ahjar prova tad-danni effettivi u attwali minnha allegati u reklamati.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi ghandu jinghad a priori lli anke minhabba l-versjonijiet djametrikament konflingenti prodotti, l-partijiet qabblu lli fil-fatt l-unika vertenza li ghandha tiddecidi din il-Qorti hija koncernanti r-responsabilta' ta' incident stradali li huwa l-mertu ta' din il-kawza. Ghalhekk huwa fuq dan il-punt biss li se tiddelibera din il-Qorti.[1]

Ighid **Francis Calleja** is-sewwieq tal-vettura BAG-813 propjeta' tal-kumpanija attrici fl-afidavit minnu redatt[2] li hu kien qed isuq il-vettura n kwistjoni mid-direzzjoni tas-Siggiewi lejn Imqabba. Esebixxa *aerial photo* tal-post indikat Dok FC1[3] u spjega lli dan il-post fejn sar l-incident hu vicin ta' Kandja. Qal ukoll illi fejn sar l-incident t-triq hija piutost wiesgha, kkalkula wiesgha ta' tmien vetturi.

Qal ukoll illi fil-hin ta' l-incident kien wahdu fit-triq, *"…ma tantx kien hemm traffiku"*[4], isuq fuq in-naha tieghu tat-triq. Zid illi kien qed isuq bil-mod minhabba l-fatt li kien qed isuq vettura tat-tip *truck* kbir bil-kaxxa.

Jghid li meta kien fil-parti d-dritta tat-triq hawn lemah vettura ohra, dik li spiccat mahbuta fih, din kienet gejja mid-direzzjoni opposta minn fejn hemm il-liwja li taghti ghal lemin. Qal lil vettura, Mercedes, kienet qed tinstaq b'velocita' qawwija u dan rah meta kienet madwar hamsin pied 'il boghod minnu.

Dwar il-velocita' tal-vettura l-ohra, allura l Mercedes, jispjega li tant kienet gholja lli darba lil vettura qabdet il-liwja, din baqghet miksura lejn n-naha tal-lemin, ghalhekk baqghet fuq in-naha hazina tat-triq sewwa sew fil-kareggjata tieghu u b'hekk spiccat dahlet fih., fi kliemu *"..dritt ghal fuqi"*[5]. Spjega li l-impatt sar fir-rota ta' quddiem in-naha tal-lemin u komppla billi laqtu fil-mudguard tan-naha tal-lemin, qaccatlu l-*fittings* tat-tank ta' l-arja misjub ukoll

[1] Ara verbal a fol 60 u verbal a fol 79.
[2] Fol 35 Dok FC
[3] Fol FC1
[4] Fol 35
[5] Ibid.

fuq l-istess naha, kif ukoll caratlu t-tank tad-*diesel* u baqa anke diehel fid-*double wheel* ta' wara li anke infaqghu bl-istess impatt.

Il-vettura Mercedes, dan mhux ikkontestat, spiccat skontu mahbuta in-naha l-ohra tat-triq fi kiosk.

Spejga li l-impatt sar fuq sajdu, cioe fuq ix-xellug tat-triq u waqt dan it-*truck* minnu misjuq kien ghad-dritt. Tant fi kliemu kien kbir l-impatt illi z-zewg vetturi soffrew danni sostanzjali b'dan lit-*truck* ma setax jistaq aktar.

Minhabba l-hsarat li soffriet il-Mercedes fuq in-naha tas-sewwieq qal ukoll li s-sewwieq taghha spicca hareg minn naha tal-passiggier.

Jghid li wara l-incident hu saqsa lis-sewwieq ghala kien saq gal go fih u dana kien wiegeb bil-kliem *" Ara kif fqajtha karozza"*[6] . Dak il-hin hdejh kellu lil certu Maria Borg, li kienet tahdem gol kiosk imsemmi.

Insista li wara d-daqqa t-t*ruck* ma setax jinstaq.

In kontro ezami xehed[7] wara li gie muri d-dokument FC1[8] lli hu kien gej lura mix-xoghol mid-direzzjoni tas-Siggiewi lejn l-Imqabba. Ukoll li meta ra lil-konvenut gej ma kien kiser ebda kisra fit-triq. Rah gia gej *wrong side* madwar sebghin (70) pied 'il boghod minnu. Ikkonferma lil vettura misjuqa minnu *truck Leyland*, allura tali li jintuza ghal kostruzzjoni, *truck* tal-gebel kbir, ma setghax jinstaq b'velocita' gholja f'dik it-triq. Zid li l-impatt sar fl-iktar parti wisgha tat-triq, ukoll illi hu kien qed izomm distanza ta' metru jew metru u nofs minn mal bankina fuq in-naha tieghu tat-triq. Spjega fil-konfront ta' sewwieq gej minn naha l-ohra tat-*triq "Mid-direzzjoni li fil-fatt kont gej minnha jien, dik il-parti tat-triq hija dritta u ghalhekk tista dejjem izzomm fuq is-side tieghek, fil-waqt li fuq in-naha l-ohra fuq il-karreggjata l-ohra tat-triq peress li jkunu gejjien mill-Imqabba u hemm certa kisra lejn il-lemin kulhadd jaghfas fuq in-naha tal-lemin tieghu, u ghalhekk fuq in-naha hazina tat-triq. Nghid illi fil-fatt dik hija triqtna u ovvjament in-naha ta' fejn kont ghaddej jiena tara li dejjem ghaddej minn mal bankina ghax it-triq tippermettielek, u tinnota fil-fatt li fuq in-naha l-ohra tat-triq kulhadd izzomm f'nofs it-triq propju minhabba dan li ghadni kif spjegajt."*[9]

---

[6] Fol 36.

[7] Fol 127 et seq.

[8] Fol 37

[9] Fol 129

Jghid ukoll li mal habta it-*truc*k waqaf sobtu anke ghax il-Mercedes dahhlet gor-rota ta' quddiem tieghu, kisret l-*air cleaner*, cartet it-*tank* tad-*diesel* dahhlet ukoll god-*double wheel* li sparat. Qal ukoll li kif din il-karozza dahhlet god-*double wheel*, sparat u marret lura il-wisgha tat-triq biex b'hekk spiccat habtet gol-kiosk.

Ikkonferma ukoll il-posizzjoni tal-vetturi kif indikati fl-iskizz Dok JW2.[10]

Dwar ir-ritratt EB1[11], spjega lit-trab kien fil-fatt qed jghati iz-zejt li hareg fejn giet spussjata l-Mercedes.

Da parti tieghu **P.S. James Weatherhill** xehed[12] illi kien imsejjah biex immur fuq il-post ta' l-incident ghal habta ta' l-erbgha u kwart ta' wara nofs in-nhar, spjega li sab *truck* fil-gemb u Mercedes in-naha l-ohra. Jghid ukoll illi minhabba l-impatt qawwi kien hemm debris mat-triq kollha allura ma setghax jidettermina il-*point of impact*.

Esebixxa ghalhekk l-iskizz minnu redatt Dok.JW2[13], il-PIRS *repor*t minnu redatt Dok JW1[14], kif ukoll set ta' ritratti mehuda minnu li juri l-hsarat sofferti miz-zewg vetturi nvoluti Dok JW3-JW7[15]. Jghid ukoll illi r-ritratt Dok JW6[16] juri il-vetturi fil-posizzjoni u d-distanza kif sabhom hu meta wassal fuq il-post.

Innega li meta wassal fuq il-post ta' l-incident xi hadd indikalu li kienu iccaqalu il-vetturi, anzi jghid illi hemm gia sab lil ta'l-SAG li kienu qed imexxu t-traffiku. Innega li fil-peresenza tieghu xi hadd caqlaq xi vettura.

Qal ukoll li bejn it-trukk u l-bankina kien hemm wisgha ta' circa metru u metru u nofs. Spjega lit-triq fejn sar l-incident kienet fetha kbira tant li kienu joqghodu hames karozzi hdejn xulxin. Qal ukoll lit-triq li kien gej minnha t-*truck* kienet wahda ta' wisgha ta' karozza u karozza u nofs.

Gie esebit ukoll l-afidavit ta' **Maria Cassar**[17]; spjegat li hi kienet tahdem gol-gabana li kien hemm fil-parti l-wisgha tat-triq fejn okkorra l-incident. Iddiskriviet l-incident billi qalet li semghet hoss kbir ta' *tyre* jispara, rat dahna bajda u xi haga ddur f'nofs tat-triq. Tghid li minhabba d-dahna ma setghetx tara x'kien dan l-oggett l-abjad. Pero tixhed ukoll illi fl-istess mument hasset daqqa

[10] Fol 71.
[11] Fol 107
[12] Fol 60a
[13] Fol 71
[14] Fol 61
[15] Fol 72-76
[16] Fol 75
[17] Dok MC fol 87

kbira (gol gabana) li tiddeskrivi bhala *"qawwija"*[18] , tant li l-istess kiosk soffra danni ta' ksur ta' hgieg tad-*display* kif ukoll tqacctet il-*fridge* minn postha.

Tghid li meta harget mill-gabana rat il-karozza Mercedes li kienet mahbuta go l-istess kiosk pero minhabba lit-*truck* kien faccata postu ma indunatx li dana fil-fatt kien ukoll involut fl-incident. Tghid li meta s-sewwieq tat-*truck* avvicinaha, u hawn saret tafu l-ewwel darba, qalha dak il-hin lil Mercedese kienet dahhlet fih ukoll.

Ziedet li kemm hi kif ukoll Francis Calleja avvicinaw lix-xufier tal-Mercedes u taw l-ghajnuna peress li kellu d-demm ma idejh. Ziedet li hi saqsietu mill-liema direzzjoni kien gej stante l-posizzjoni li spiccat fiha l-vettura tieghu, hu indikalha d-direzzjoni ta' l-Imqabba lejn s-Siggiewi. Tghid ukoll li semghetu jghid li kien faqgha l-vettura, kif ukoll li taha l-impressjoni li kien se jiranga fil-konfront tad-danni ghax qallha li kien inxurjat *full*.

In kontro ezami[19] qalet li meta qaghdet id-dahna ta' wara l-habta rat it-*truck* wieqaf faccata fuq sajdu kif kien niezel mis-Siggiewi ghal Imqabba. Murija d-dokument a folio 71, l-iskizz, qalet li rat il-vettura fejn hemm indikat fuq l-istess document bil-*highlighter*, allura f'nofs tat-triq.[20] Oltre hekk ikkonfermat lit-*truck* ratu kif kien jidher fuq indikat fuq l-iskizz.

Dwar it-trabb abjad kif indikat fuq ir-ritratt gia esebit ma l-affidavit ta' Emmanuel Balzan Dok. EB1[21] ikkonfermat lit-trab li hi mmarkat **bl-ittri MC** kien fil-fatt maghmul minn tar-*rescue* biex jghatti id-*diesel* li hareg mill-vettura ta' Balzan, mentri r-roqa l-ohra ta' l-istess trab tghid li kient tghatti d-*diesel* li hareg mit truck.

Baqghet insistenti li l-incident sar fejn fil-fatt kien ipparkeggjat it-*truck*. Qalet ukoll f'dan ir-rigward illi x'hin semghet il-hoss anke t-*truck* waqaf dak l-istess hin[22], ghakemm ma kienetx tiftakkar jekk dan waqafx dritt jew angolat ziedet illi x'hin ratu kien wieqaf u pparkjat.

Dwar id-danni inkorsi mill-vettura BAG-183 *Leyland Truck* appartenenti lil Paul Sant, ngab jixhed is-surveyor **John Callus**[23]. Spjega lil vettura kellha hsarat kemm fuq in-naha tax-xellug kif ukoll fuq in-naha tal-lemin, fil-konfront ta' dawn ta' l-ahhar *semma mudguard ta' wara, tyres u rim ta' quddiem.*

[18] Fol 87
[19] Fol 137
[20] Fol 138
[21] Fol 107
[22] Fol 140
[23] Fol 169

*Esebixxa s-survey* report minnu redatt, Dok. JCIX[24], kif ukoll set ritratti minnu mehuda dwar il-hsarat konstatati.[25]

Da parti tieghu l-konvenut **Emmanuel Balzan** presenta affidavit[26] ighid lit-triq fejn sehh l-incident kienet wahda familjari ghalih n kwantu jahdem fl-akkwati. Spjega illi fejn saret il-habta kien hemm vizzwali tajba u li dana okkorra fil-parti l-aktar wisgha tat-triq, jghid li jghaddu sitt karozzi hdejn xulxin bil-kumdita' kollha. Annetta ghal ahjar turija lil Qorti zewg dokumenti Dok EB1 ritratt[27] u Dok EB2 site plan[28], tal-lok fejn gara s-sinistru.

Spjega l-incident billi qal ill kien gej mid-direzzjoni tal-Imqabba sejjer lejn is-Siggiewi, jghid li qabel kien hareg minn *side street* fuq in-naha tax-xellug. Jghid li minn fuq l-istop *sign* ta' l-istess triq kellu vizzwali tajba ta' circa mitt metru. Meta hareg dar mall-ewwel fuq sajdu. Zid li l-incident sehh meta hu kien saq gia madwar mitt metru go triq l-Imqabba. Kien hawn li ra it-*truck* gej mid-direzzjoni opposta b'velocita' qawwija**. Dan kien qed jinstaq f'nofs tat-triq[29].** Zid *" L-ewwel darba li rajtu, kien madwar tul ta' ghaxar karozzi 'l boghod minni u ma kelli ghalfejn naghmel xejn biex nipprova nevitah ghaliex, kif ghidt, jiena kont qieghed insuq fuq naha tieghi tat-triq.*

*Izda mbghad, f'daqqa wahda, meta t-trakk kien qorob sew lejja u forsi kien ghad fadal tul ta' karozza biex jilhaqni, it-trakk gibed f'salt ghan-naha tieghi tat-triq, qiesu tilef il-kontroll. Malli rajt hekk, jien gbidt lejn ix-xellug tieghi, pero' t-trakk gie totalment fuq in-naha tieghi, u habat fija. Kollox gara f'temp ta' sekondi."*[30]

Spjega li ma setax jghid liema *gear* kien qed isuq bih in kwantu l-karozza misuqa kienet wahda *automatic*, ikkonferma illi kien qed isuq bi *speed* ta' erbghin (40) kilometru fis-siegha. Kien qed isuq fuq in-naha tax-xellug, pero ghax it-triq kienet wisgha ma kellux ghalfejn ihakkem mall-hajt.

Zid li minhabba tali wisgha t-triq ma kienetx kollha *tarmaced* kif juri r-ritratt Dok EB1. Jghid li ghalhekk mal-gnub tat-triq fuq kull naha taghha, minhabba l-istess wisgha hemm iz-zghrar u li kien ghalhekk lil vetturi ma kienux jghaddu

[24] Fol 176-180
[25] Fol 170-180
[26] Fol 104

[27] Fol 107
[28] Fol 108
[29] Enfasi tal-Qorti.
[30] Fol 105

minn ma l-istess gnub, insista pero li kien hemm distanza ta' metru u metru u nofs bejn il-vettura minnu misjuqa u bejn il-hajt tat-triq.

Jghid lit-*truck* tah daqqa bir-rota ta' quddiem tan-naha tal-lemin tieghu u laqtu fin-naha ta' quddiem tal-lemin u fir-rota ta' quddiem tal-lemin tal-karozza. Bl-impatt inkwantu d-daqqa kienet wahda kbira, spjega lil-vettua tieghu daret tlett darbiet *anti-clokwise* u li spicca habat go van, il-gabbana. Il-karozza tieghu spiccat *total loss.*

Zid li sakemm wasslu l-pulizija ix-xuffier tat-trakk lehaq saq it-trakk diversi metri 'l quddiem tant li pparkjah fuq ix-xellug nett tat-triq kif rifless fl-i*sketch* redat mill-pulizija. Jghid li ibnu Manwel li wassal fuq il-post ftit tal-hin wara nsista mall-pulizija dwar ic-caqliq tat-trakk pero l-isketch juri lil istess vettura fejn giet ipparkjata.

Ghamel referenza ghal ritratt Dok EB1 biex jirribaxxi t-tezi tax-xuffier tat-*truck* li kien hu innifsu li kien qed isuq f'nofs tat-triq billi wera fejn l-pulizija kienu teghfu it-trabb abjad fuq iz-zejt li hareg mill-vettura tieghu.

In kontro ezami[31] kkonferma l-velocita' tas-sewqan tieghu, b'salib indika fuq id-dokument EB1 fejn kien qed isuq fl-istess hin.

Mistoqsi ghala gialarba kien ra trukk twil tal-gebel sejjer lejh b'velocita qawwija ma hassx li kellu jiehu mizuri biex jevitah, wiegeb hekk *"Ghax jien kont qieghed fuq sajdi ma kellix ghalfejn jew immur gol-hajt …………Jekk jiena ghafast izjed lejn ix-xellug tieghi kont nahbat gol-hajt jien"*[32]. Qabel ukoll ma dak suggerit lilu li fil-fatt ma ha ebda manuvra fic-cirkostanzi nonostante lit-triq kienet wisgha. Jghid li nonostante cioe il-posizzjoni tal-vetturi kienet tali lit-tnejn kienu jghaddu. Kieku kien mod iehor qal li kien izzomm il-brake. Ikkonferma li fi frazzjoni ta' sekondi t-trukk donnu tilef il-kontroll u mar ghal go fih. Kien dak il-hin li hu gibed lejn ix-xellug pero jghid li ma kienx hemm cans.

Insista lit-trukk kien gralu xi haga darba li wassal lejh tant li gibed ghal fuqu. Qal li tat-trukk kien gej *"xkanat"*[33]. Qabel illi mal-habta l-vetturi spiccaw, qabel ma tieghu daret ghal gol gabana, ponta ma ponta, il-ponta ta' quddiem tan-naha tal-lemin tat-trukk mal-ponta tal-lemin tal-karozza tieghu.

[31] Fol 145
[32] Fol 149
[33] Fol 151

Insista kontrarjament għal dak li jidher fir-rapport PIRS[34] u baqa insistenti lid-daqqa t-*truck* tajjhielu bir-rota ta' quddiem, dan nonostane li l-istess rapport juri lil pulizija kkonstataw danni fuq it-*truck* fuq il-gemb ta' wara tan-naha tal-lemin u nonostante ukoll il-hsara fuq in-naha tar-rota ta' wara tat-*truck* kif jidhru fir-ritratti a fol 44 sa fol 47. Anzi dwar dan gieh dubbju fejn ittiehdu r-ritratti li kienu juru l-hsara tat-*truck* kif fihom indikat lilu.[35]

Baqa wkoll insistenti u dan nonostante x'kien qal ibnu dwar ic-caqliq tat-trukk li dan sar qabel ma marru il-pulizija fuq il-post ta' l-incident, ukoll illi nonostante lis-surgent li mar fuq il-post xehed li hadd ma kien gibiddlu l-attenzzjoni ghal dan, li hu kien kellem il-pulizija dwar ic-caqliq tal-vettura. Anzi insista li hu darba li wasslu l-pulizija tar ghal fuqhom biex jissenjala maghhom lit-trukk kien fil-fatt gie spusstjat. Ghalhekk insista li fl-iskitz it-trukk kien gie impingi fejn fil-fatt kien gie ipparkjat, allura mhux fejn saret il-habta.

Zid li darba li hu ra r-rapport tal-pulizija ma kienx irreggistra oggezzjoni maghhom ghal kontenut pero dwar li dwar dan kien qal lil *insurance* tieghu.

Zid u dan nonostane li ntqal lilu lit-trukk kellu jigi ttowjat, ghaliex ma kienx f'posizzjoni li jinstaq, illi kienu marru hafna hbieb tas-sewwieq tat-*truck* fuq il-post u kienu caqqalu t-trukk u qeghduh mall-bankina.

Dwar it-trabb abjad kif jidher fuq ir-ritratt minnu stess esebit, issa qabel li dana kien jindika il-post fejn spicca bil-vettura tieghu. Indika b'cirku ahmar fejn kien jahseb hu li kienet l-gabana[36].

Xehed ukoll iben il-konvenut, ukoll **Emmanuel Balzan.**[37] B'referenza ghall-iskizz[38] indika bil-*highlighter* fejn kien sab it-*truck* mahbut, ihares lejn id-direzzjoni ta' Hal Qormi bejn tul u nofs ta' karozza 'l boghod mill-vettura ta' missieru. Qal lit-*truck* kien ghalhekk fuq il-*lane* ta' missieru. Qal ukoll li wara li gew il-pulizija pero qabel ma ttiehed l-iskizz it-*truck* gie mcaqlaq minn fejn kien. Qal li b'dan qal lil pulizija li qallu biex ihalli f'idejhom.

Ikkonferma li hu ra it-*truck* jiccaqlaq minn postu qabel ma sar l-iskizz u li ghalhekk kif kien jidher fuq l-istess it-*truck* kien fil-fatt ipparkjat mal gemb tat-triq. Ikkonferma ukoll lit-trab abjad kien intiz biex ighatti z-zejt li hareg mill-vettura ta' missieru. Ikkonferma ghalhekk lit-*truck* iccaqlaq fil-presenza tal-pulizija.

[34] Fol 61-69
[35] Fol 153
[36] Fol 107
[37] Fol 113
[38] Fol 71 Dok JW2

Qabel ma dak li xehed is-Surgent Weatherhill li fuq il-post kien hemm anke pulizija ta' l-SAG, pero ma ftakkarx jekk kellimx lil dawn jew lil pulizija tad-distret dwar ic-caqliq tat-*truck*. Qal pero li ghalih ta' l-SAG gew wara li wassal fuq il-post hu. Zid lit-*truck* iccaqlaq ftit wara li fil-fatt kienu wasslu l-pulizija, cirka hmistax il-minuta wara, skontu anke ghax beda jinqabbad it-traffiku.

Maghmul dan is-succint tal-parti saljenti tax-xhieda migbura l-Qorti tghaddi biex tezamina l-istess fatti fid-dawl tal-ligi u gurisprudenza relatata.

Fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 24 ta' Novembru 1966 intqal dan dwar il-konflitt ta' provi rizultanti f'kawza civili:

*"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verzjonijiet moghtija tal-partijiet) ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... ....*

*Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (...) anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."*

Inghad ukoll fil-gudizzju fl-ismijiet **Joseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) deciza 25 ta' Gunju 1980 illi:
*"fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja."*

Ghalhekk f'kazijiet ta' konflitt ta' provi jew provi xejn cari l-Qorti ghandha
*"..taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn*

*ohra; u Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur."*[39]

Fl-Appell civili fl-ismijiet Jean-Pierre Azzopardi et. vs Brother Austin Gatt et. deciz fil-15 ta' dicembru, 2015[40]intqal;

F'sitwazzjonijiet bhal dawn kif espost fit-trattat tieghu **Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano** (Vol. III. pag. 380 – 382 il-gurist **Mattirolo** kiteb hekk:-

"*Una regola di dottrina e di gurisprudenza generale reca che 'semper onus probandi ei incumbit qui dicit', ossia che 'semper necessitas probandi incumbit illi qui agit'. In verita`, il principio di egualianza civile, che nella pratica dei giudizi si traduce nel principio della parita` di trattamento assicurata alle parti, non permette che si presti fede piuttosto all'allegazione dell'uno che a quella dell'altro dei litiganti. Quindi ciascuna delle parti deve provare i fatti, che essa allega a sostegno del proprio assunto; e l'autorita' giudicante deve pronunizare juxta allegata et probata .... Applichiamo questa regola all'una e all'altra parte.*
"*(a) Il primo ad agire nella causa e ad allegare un fatto, da cui egli pretende sia per risultare un cambiamento nello stato attuale del diritto, e' l'attore; e percio` actori onus probandi incumbit. Quindi nelle cause in cui si propone un'azione reale l'attore dovra` provare il fatto dal quale deriva il dominio, ... ; se egli invece promuove un'azione personale, dovra` pure provare quel fatto, quell'avvenimento da cui nacque il suo diritto e la conseguente obbligazione del convenuto . L'attore, che non provi, deve soccombere: actor non probante, reus est absolvendus. Conseguentemente, in presenza di una domanda non provata, il convenuto puo` limitarsi a negare il fatto allegato, ma non provato dall'attore; e il giudice debbe senz'altro assolverlo.*

*(b) Se l'attore abbia fornito la prova dei fatti che stanno a base della sua domanda, il convenuto, il quale voglia con qualsiasi eccezione o difesa modificare o distruggere lo stato attuale risultante dalle prove dell'attore, dovra`, dal suo conto, dare la prova di quei nuovi fatti, che egli allega e su di cui e' fondata la sua eccezione: onde la massima 'onus probandi incumbit actori', vuol essere completata con quest'altra 'reus in excipiendo fit actor."*

Stabbilit dan il-Qorti hija nkarigata li tassal biex isib il-vera responsabbli ta' l-incident in ezami li allura jista jwassal ghal responsabilta' ta' danni kkagunati.

Ikkonsidrat:

---

[39] **Maria Xuereb et. vs Clement Gauci et. App** Inf 24/03/04
[40] Citaz nru. 1995/97JRM

Illi gia mill-qari tax-xhieda riprodotta huwa car illi il-versjonijiet offerti miz-zewg sewwieqa nvoluti f'dan is-sinistru huma ghal kollox opposti; it-tnjen reciprokament qieghdu lil xulxin *on the wrong side of the road* fis-sewqan.

Minn ezami tal-fatti u fid-dawl ta' dak hawn fuq espost jirizulta illi l-partijiet taw versjoni dijametrikament opposta ghal xulxin ta' kif fil-fatt gara l-incident in ezami. Ghalhekk kif inghad huwa verament minn ezami akkurat tal-provi lil Qorti tista tasal biex tislet dak li okkorra bl-akbar probabilta'

Il-pern tal-kwistjoni hija fil-fatt fejn okkorriet il-habta u ghalhekk jekk it-*truck* involut giex imcaqlaq jew le. Da parti taghha xhud ghal kollox indipendenti u li hadet konjizzjoni tal-habta mall-ewwel Maria Cassar, haddiema fil-*kiosk*, tqieghed it-*truck* gia fil-post li jidher fih fl-iskizz immdjatament wara l-habta. Zgur li hi harget mill-kiosk kif appena hasset id-daqqa tal-Mercedes go fijha, daqqa li certament ma kientx wahda irrizorja, tant li hi rat id-dahhna bajda tal-kolluzzjoni u l-vettura ddur lejha. Tghid li tant it-*truck* kien f'postu, fi kliemha faccata, li lanqas biss indunat li dan kien involut fl-incident u hadet konjizzjoni ta' dan il-fatt biss u x'hin is-sewwieq tieghu indikalha lil-vettura Mercedes kienet dahhlet ukoll go fih. Senjatament din ix-xhud, l-unika fil-fatt presenti ghal incident, ma tghid jew isemmi qatt li xi nies jew is-sewwieq tat-*truck* innifsu caqlaq lil istess vettura wara li sehh l-incident. Ghalhekk ma taqbilx il-Qorti ma dak sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu mill-konvenut dwar dak li qalet Cassar fuq il-posizzjoni tat-*truck* wara l-habta u li ma setghetx tara t-*truck* hlief meta dan gie pparkjat[41].

Jigi enfasizzat li Cassar tghid[42] dan fil-kontro-ezami dwar fejn rat il-vettura inkwistjoni wara li niezlet d-dahna tal-habta li zgur ma hadtiex sieghat;

*"**Assistent Gudizzjarju;-***

*Nghid li x'hin nizlet id-dahna fil-fatt rajt it-trakk faccata.*

***Dr.Roberta Buhagiar:-***

*Issa dan it-truck meta rajtu faccata kif rajtu pparkeggjat?*

***Assistant Gudizzjarju:-***

*Nghid lit-truck kien wieqaf.*

---

[41] Fol 9 u 10 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

[42] **Ghalkemm il-kliem jidher jinghad mill-Assistant Gudizjarju.**

***Dr.Roberta Buhagiar:-***

*U wieqaf fejn jigifieri mall-gemb ta' triq ipparkeggjat jew kien fuq it-triq?*

***Assistant Gudizzjarju***

*Nghid li t-trukk kien niezel mis-Siggiewi lejn l-Imqabba u kien fuq is-side tieghu.*

*……..*

*Nghid li rajtu fil-gemb tat-triq niezel fis-side tieghu.*

*…..*

*Rajtu wieqaf u mhux isuq. …'*'[43]

Jirrizulta ukoll u dan b'mod sfaccat illi ma hemmx qbil bejn il-konvenut u ibnu meta suppost iccaqlaq it-*truck* involut, hux qabel jew wara li sar l-iskizz esebit. Lanqas il-pulizija li rrediga l-istess rapport ma qabel ma dawn it-tnejn anzi kien car li lilu hadt ma gibidlu l-attenzjoni ghal fatt lit-*truck* kien gie spusstjat. Fattur iehor li ma jghin xejn it-tezi tal-konvenut hu li rrizulta lit-*truck* kellu jigi ttowjat minhabba l-hsarat li garrab, nonostante cioe il-konvenut insista li dan, *truck* xejn anqas min wiehed kbir tal-gebel, kien gie mcaqlaq minn shab is-sewwieq tieghu li wasslu fuq il-post. Stranament dan il-fatt ma giex konstatat la minn Cassar u lanqas mill-pulizija.

Lanqas ma jidher li fil-fatt hemm qbiel fuq ir-roqgha taz zejt jew ahjar zjut li skont il-konvenut suppost jimmarkaw il-*point of impact.* L-istess konvenut l-ewwel ighid lir-roqgha tat-trab abjad li tidher fuq id-dokument EB1[44] turi zejt moghti fejn sar l-impatt, in kontro ezami pero wara li jiccirkula bl-ahmar il-post tal-gabbana milquta, jaccetta illi l-istess trab huwa ndikattiv ta' fejn spicca waqaf bid-daqqa, ghalhekk vicin il-kiosk minnu ndikat. Din l-ahhar versjoni hija n linea ma dak li qal is-sewwieq Francis Calleja fuq hekk.

[43] Fol 138.
[44] Fol 107

Terga u tghid Maria Cassar, kif gia nghad xhud ghal kollox indipendenti mill-incident in ezami, tixhed dwar iz-zejt li hareg mill-Mercedes u mmarkat r-roqgha bl-ittri **MC**[45]; dan jidher aktar spusstjat lejn il-gabbana.

Il-Qorti tikkonsidra dawn id-divergenzi ukoll fid-dawl tal-mod kif gie deskriet l-incident miz-zewg sewwieqa. Francis Calleja kien gej minn triq ta' certu nuqqas ta' wisgha, qajla kellu fejn immur, ghajr li jisbokka bid-dritta fl-istess triq li titwessa kif inghad, u jibqa mixi mall-bankina. Da parti tieghu il-konvenut li jinsisti li kellu vizzwli tajba, fit-tul ta' mitt metru ma rax dan it-*truck* bi *speed* tant gholi, jghid *xkanat*. Oltre dan jekk wiehed ihares lejn it-ritratti minnu stess esebit, il-konfigurazzjoni tat-triq u l-wisgha taghha u z zghrar jew nuqqas ta' *surfacing* ippogu aktar lilu lejn in-nofs tat-triq minhabba dik l-istess wisgha mhux utilizzata. Haga ohra li din il-Qorti tara stramba huwa id-deskrizzjoni ta' l-incident kif offerta mil-konvenut, *truck* kbir tal-gebel gej bi speed *xkanat on the crown of the road* li f'lehha ta' berqa dana donnu iddecida li jigbed ghal gol Mercedes.! Taqbel ukoll il-Qorti ma dak sottomess mis-socjeta' attrici fin-nota taghha[46], li n kwantu kif jidher mid-dokument EB2, lil konvenut kien darba li sejjer is-Siggiewi ghadu hiereg minn liwja, allura kien jinkombi fuqu li jzomm *proper look out* meta jizbokka fid-dritta tat-triq.

Il-konvenut lanqas ma jidher li jaqbel fuq il-hsarat ikkagunati lit-*truck,* dana nonostante is-*survey report*, ir-ritratti dwar l-istess u ir-rapport tal-pulizija.

Dana l-analizzi kollu jxejjen ghal ahhar il-versjoni li ta l-konvenut dwar kif gara is-sinistru in ezami u fil-fehma tal-Qorti jsahhu u jghinu t-tezi ta' l-attur dwar dan. Ghalhekk tqies li hu aktar vero simili lli kien il-konvenut li nvada l-karreggjata tat-truck bil-konsegwenza tal-habta u d-danni emergenti mill-istess. Fil-fatt il-Qorti tqies lil *causa prossima* ta' l-incident kienet unikament imputabbli ghal invazzjoni da parti tal-konvenut tal-karreggjata tat-*truck.*

Dan bla dubbju ta' xejn jikwalifika bhala sewqan negligenti, imprudenti, negligenti u bi ksur ta' regolamenti tat-traffiku governanti l-istess, ghalhekk il-konvenut huwa ghal kollox kolpuz fir-rigward ta' l-incident in ezami ghaliex: *"F'materja ta' "kolpa" hu pacifiku illi din tissussisti "quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene" (**Vol. XXIV P I p 172**);".*[47]

[45] Dok EB1
[46] Fol 183
[47] **Richard Casha vs Frans Sammut** P.A. CITAZ. Nru. 1047/1993/1 deciza 28/04/2003

Kif gia nghad il-vertenza in ezami kienet biss dwar ir-responsabitla’ ta’ l-incident, konsegwentement huwa meqjus lid-danni kif likwidati fir-rikors guramentat u kif jirrizultaw mid-dokumenti mieghu mehmuza DOK B sa Dok I huma hekk accettati fl-ammont hemm indikat ta’ **sbatax il elf mittejn tlieta u sebghin ewro u disgha u tmenin centezmu (€17,273.89)**

**Ghaldaqstant taqta u titdecidi billi tilqa t-talbiet kollha attrici u tqies li kien l-intimat Emmanuel Balzan bhala unikament responsabbli ghall-incident espost fir-rikors guramentat u ghad-danni kollha naxxenti minnu li garbet l-istess socjeta’ attrici.**

**Konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ rikorrenti fl-ammont ta’ sbatax- il elf mittejn tlieta u sebghin ewro u disgha u tmenin centezmu (€17,273.89).**

**Tikkundana lill-intimat konvenut Emmanuel Balzan biex ihallas lis-socjeta rikorrenti is-somma indikata ta’ sbatax-il elf mittejn tlieta u sebghin ewro u disgha u tmenin centezmu (€17,273.89).**

**Bl-ispejjez kollha ghall-konvenut u bl-imghaxijiet legali dovuti.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imhallef**

**Kristie Xuereb**

**Dep.Reg.**